# TISWIJA TA' KTIBA

Il-widna—li fi kliem fejn tidħol il-konsonanti *gh* ma tantx tagħraf tati pariri tajba—hi l-ħtija li nsibu 'l hawn u 'l hemm miktubin ħażin kelmiet, ngħidu aħna, bħal *weghdniekom, nqeghdlek*. Kull waħda minn dawn iż-żewġ kelmiet, hekk miktuba, fiha vokali nieqsa; il-ktiba t-tajba tridhom miktubin *weghedniekom, nqeghedlek*.

Ir-Régula li taħdem hawnhekk hi din:

**Vokali minnghajr aċċent, imqiegħda qabel l-aħħar konsonanti tal-gherq, tibqa' f'lokha jekk ma' tarf il-kelma tiġi tmiss** ***konsonanti*** **u mhux** ***vokali***

*Weghedniekom* u *nqeghedlek* għandhom b'mamma *wieghed, qieghed*, li huma verbi ta' tliet konsonanti (w-għ-d u q-għ-d) u żewġ vokali (ie-e), ħaġa waħda bħal *bierek, siefer*. It-tliet konsonanti, hekk flimkien, huma l-għerq.

Bis-saħħa tar-régula li semmejna, jekk ma' tarf dawn iż-żewġ mammiet tiġi tmiss konsonanti, il-vokali tat-tieni taqsima ma tintilifx. Ara t-tieni vokali ta' *bierek, siefer*, li tibqa' f'lokha fis-suriet *berikt, berikna, beriktu, berikni, nberiklu, nberiklek; sefirt, sefirtu, sefirni, sefirna, nsefirlu, nsefirlek*, fejn ma' l-aħħar konsonanti tal-għerq *k* u *r* ġiet tmiss konsonanti (issa *t* u issa *n*). Dawn iż-żewġ verbi joqogħdu bħala mera għall-ktiba ta' *weghedt, weghedtu, weghedni, weghedna; nqeghedlu, nqeghedlek* bit-tieni vokali ta' *wieghed, qieghed* imħollija f'lokha bis-saħħa tal-konsonanti *n* u *l*, li ġew imissu ma' l-aħħar konsonanti.

Minn *weghedna*, biż-żjieda tat-taqsima *-kom* għandna *weghedniekom*; jiġifieri bit-tieni vokali ta' *wieghed* dejjem f'lokha, la darba f'lokha wkoll għadha l-konsonanti *n* li ġiet tmiss mal-konsonanti *d* ta' *wieghed*.

Hemm inbagħad tliet réguli oħra li jiswewlna għal dak li hu aċċent. Dawn huma:—

**L-EWWEL. Żewġ konsonanti, mqegħdin fl-aħħar tal-kelma, jitolbu dejjem l-aċċent tal-kelma fuq il-vokali ta' qabilhom.**

**IT-TIENI. Il-vokali** ***ie*** **tiġbed dejjem l-aċċent tal-kelma fuqha. Meta dan iwarrab minn fuqha hi tiqsar u ssir** ***i*** **jew** ***e*****.**

**IT-TIELET. Wara t-taqsima li fuqha jkun jinħass l-aċċent tal-kelma, il-malti ma jħallix aktar minn taqsima waħda: jiġifieri kull**



**kelma jkollha l-aċċent tagħha jew fuq l-aħħar taqsima, jew fuq dik ta' qabel l-aħħar.**

Bis-saħħa ta' dawn it-tliet réguli, l-aċċent ta' *wieghed, nqieghed* jaqbeż għat-taqsima l-oħra fis-suriet *weghèdt, weghèdtu, weghèdni, weghèdna; nqeghèdlu, nqeghèdlek, nqeghèdkom*, u jissokta jaqbeż għal l-oħra fis-suriet *weghednieh, weghedniek, weghednieha, weghedniekom, weghdniehom.*

Bis-saħħa tar-réguli li tajna, niktbu wkoll: *baghàtlu, baghàtkom, baghàthom, baghàthomlu* u mhux, kif tgħallatna l-widna, *bàghtlu, bàghtkom, bàghthom, baghthòmlu*, li għandhom b'mamma *bàghat* u b'għerq *b-għ-t*.

Bħala régula oħra aktar fil-qabda nistgħu ngħidu dan:—

**Jekk minn tliet konsonanti flimkien, l-ewwel tnejn—waħda xorta oħra minn l-oħra, u mhux waħda mtennija, — ikunu ta' għerq il-kelma, lil dawn it-tnejn ifridhom b'vokali, bħalma ssibhom mifrudin fil-mamma,** għax:

**L-aħħar konsonanti tal-għerq ma tersaqx mal-konsonanti ta' qbilha ekk warajha, magħha sewwa, issib jew tħoss ittra konsonanti.**

Ara l-ittra *f* ta' *ħátaf*, li fil-kelmiet *ħatàflu, ħatàfni ħatàfna, ħatàfkom, ħatàfha, ħatàfhom* insibuha msieħba ma konsonanti barranija u mifruda minn seħbitha ta' qbilha

**G. V.**

# IL-KELMA "GĦAMUDA"

Fil-ħarġa tal-Malti ta' Marzu 1926, il-qarrejja jiltaqgħu ma' kelma li, naħseb, ftit jafu xi tfisser. Minn għalija, ma kontx naqbad tifsiritha, kieku min qaleb bil-malti l-ittra ta' C. Dessoulavy ma żiedx warajha l-kelma tinda (faċċ. 19).

Mela *ghamuda* tfisser *tinda*. U dit-tifsira wkoll jidhirli li jatiha G. Micallef (faċċ. 17).